4) Jekk l-Artikolu 34 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika jippermetti li l-persuni li għandhom l-istatus ta' ażil jiġu imposti obbligu li jgħaddu minn eżami ta' integrazzjoni ċivika, u jekk ma jagħmlux dan jeħlu multa, u jippermetti li huma jkollhom isostnu l-ispejjeż kollha tal-programmi ta' integrazzjoni, l-ammont tas-self li għandu jiġi rrimborsat, flimkien jew le mal-multa, jippreġudika t-twettiq tal-għan u tal-effett utli tal-Artikolu 34 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika?

(1) L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.
(2) ĠU 2011, L 337, p. 9.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casație şi Justiție (ir-Rumanija) fil-21 ta' Marzu 2023 – Centrul Român pentru Administrarea Drepturilor Artiştilor Interpreți (Credidam) vs Guvernul României, Ministerul Finanțelor

**(Kawża C-179/23, Credidam)**

(2023/C 235/14)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### Qorti tar-rinviju

Înalta Curte de Casație şi Justiție

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Guvernul României, Ministerul Finanțelor

*Konvenut:* Centrul Român pentru Administrarea Drepturilor Artiştilor Interpreți (Credidam)

### Domandi preliminari

1) Fir-rigward tad-detenturi ta' drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet relatati, l-attività tas-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva li tinvolvi l-ġbir, id-distribuzzjoni u l-ħlas ta' remunerazzjoni, u li jkollha bħala korrispettiv il-kummissjoni li tali soċjetajiet jirċievu, tikkostitwixxi provvista ta' servizzi, fis-sens tal-Artikolu 24(1) u tal-Artikolu 25(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (1)?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-attività tas-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva fir-rigward tad-detenturi tad-drittijiet tikkostitwixxi provvista ta' servizzi fis-sens tad-Direttiva 2006/112 anki f'sitwazzjoni fejn huwa meqjus li d-detenturi tad-drittijiet, li f'isimhom is-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva jirċievu r-remunerazzjoni, ma jipprovdux servizzi lill-utenti obbligati li jħallsu r-remunerazzjoni?

(1) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fit-22 ta' Marzu 2023 – Finanzamt T vs S

**(Kawża C-184/23, Finanzamt T II)**

(2023/C 235/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Finanzamt T

*Konvenut:* S

**Domandi preliminari**

1) Ir-raggruppament ta’ diversi persuni f’persuna taxxabbli waħda, kif previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta’ Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta’ stima ([1]), għandu l-effett li l-provvisti bi ħlas bejn dawn il-persuni ma jaqgħux taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud kif iddefinit fl-Artikolu 2(1) ta’ din id-direttiva?

2) Il-provvisti bi ħlas bejn dawn il-persuni jaqgħu fi kwalunkwe każ taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud meta d-destinatarju tal-provvista ma jkunx (jew ikun biss parzjalment) eliġibbli għal tnaqqis tat-taxxa tal-input, fejn fin-nuqqas ta’ dan ikun hemm inkella riskju ta’ telf fiskali?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Lörrach (il-Ġermanja) fit-23 ta’ Marzu 2023 – Proċeduri ta’ suċċessjoni P. M. J. T., testatur**

**(Kawża C-187/23, Albausy ([1]))**

(2023/C 235/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Lörrach

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Partijiet interessati:* E. V. G.-T., P. T., F. T., G. T.

**Domandi preliminari**

1) Il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2012 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta’ deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta’ strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta’ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni ([2]) għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri wkoll kontestazzjonijiet imqajma fil-proċedura għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni stess, li ma jistgħux jiġu eżaminati mill-qorti, u li għalhekk ma jkoprix biss kontestazzjonijiet imqajma fi proċeduri differenti?

2) Fil-każ ta’ risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: Il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni ma jistax jinħareġ anki jekk il-kontestazzjonijiet ikunu tqajmu fi proċedura għall-ħruġ ta’ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni iżda jkunu diġà ġew eżaminati fil-proċedura għall-ħruġ ta’ ċertifikat ta’ wirt taħt id-dritt Ġermaniż?

3) Fil-każ ta’ risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: Il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 650/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri l-kontestazzjonijiet kollha, anki jekk ma jkunux ġew issostanzjati u ma tkun ġiet prodotta ebda prova formali tal-fatti invokati?

4) Fil-każ ta’ risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda: B’liema forma għandha l-qorti tagħti r-raġunijiet li wassluha sabiex tiċħad il-kontestazzjonijiet u toħroġ iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni?

([1]) L-isem ta’ din il-kawża huwa isem fittizju li ma jikkorrispondi għall-isem reali ta’ ebda waħda mill-partijiet fil-kawża.
([2]) ĠU 2012, L 201, p. 107, rettifiki fil-ĠU 2012, L 344, p. 3, u fil-ĠU 2013, L 60, p. 140.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Mainz (il-Ġermanja) fil-31 ta’ Marzu 2023 – FT u RRC Sports GmbH vs Fédération internationale de football association (FIFA)**

**(Kawża C-209/23, RRC Sports)**

(2023/C 235/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Mainz